



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

14770/22
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0290(NLE)

SAN 608

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-prevenzjoni permezz tad-detezzjoni bikrija: Approċċ ġdid tal-UE għall-iskrinjar tal-kanċer li jissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/878/KE - <i>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni mill-Kummissjoni li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill EPSCO (Saħħa) tad-9 ta' Diċembru 2022.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tesprimi s-sodisfazzjoni tagħha bil-progress ġenerali u t-titjib maqbul mill-Kunsill fil-proposta ta' kompromess, li jikkostitwixxu pass importanti 'l quddiem għall-iskrinjar tal-kanċer fl-UE meta mqabbel mar-Rakkomandazzjoni tal-2003. B'mod partikolari, il-Kummissjoni hija sodisfatta bl-introduzzjoni ta' tliet tipi ġodda ta' kanċer bħala parti mill-Iskema tal-UE għall-Iskrinjar tal-Kanċer u bir-rikonoxximent tal-objettiv tal-Pjan kontra l-Kanċer biex sal-2025, 90 % tal-popolazzjoni tal-UE li tikkwalifika għall-iskrinjar tal-kanċer ċervikali, kolorettali u tas-sider, jiġu offruti skrinjar.

Madankollu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-ambizzjonijiet tal-proposta tagħha tnaqqsu u li l-ambitu tal-iskrinjar rakkomandat sfa limitat. Il-Kummissjoni tqis, b'mod partikolari, li kien ikun aħjar jekk kemm il-grupp ta' etajiet estiż rakkomandat fil-proposta għall-iskrinjar tal-kanċer tas-sider kif ukoll ir-referenza rakkomandata, kienu jinżammu għal-livell ta' effikaċja tal-iskrinjar tal-kanċer tal-pulmun u tal-prostata. Bl-istess mod, il-Kummissjoni kienet tkun favur il-limitazzjoni tal-introduzzjoni ta' kriterji u riżervi addizzjonali għall-programmi ta' skrinjar.
